

# Ir-rikonoxximent uffiċjali ta' Vassalli bħala eroj

**Artiklu bbażat fuq ir-riċerka għat-teżi għall-Masters fl-Istudji Maltin bl-isem ta' From Villains to Heroes: reconciling Vassalli and Dimech with the General Public.**

**Minn Henry Franz Gauci**



Fid-daħla ta' Ħaż-Żebbuġ insibu monument trijonfali lil Mikiel Anton Vassalli, Missier l-ilsien Malti, monument li ġie inawgurat fl-1987. Minkejja li llum insibu diversi toroq imsemmija għal Vassalli, u l-Istat Malti jirrikonoxxih bħala wieħed mill-eroj tan-nazzjon Malti, Vassalli fl-1829 miet imwarrab, mċaħħad minn difna Kattolika u b'reputazzjoni mtalbbgħa ta' traditur.[1] Iżda minflok intesa u ntilef darba għal dejjem bħal ħafna oħrajn, mitt sena wara mewtu isem Vassalli reġa'sar invoga. L-għan ta' dan l-artiklu huwa li janalizza b'liema mod il-memorja tiegħu reġgħet ingħatat il-ħajja u kif ir-reputazzjoni ta' Vassalli ppruvat tiġi rriabilitata sabiex tinbidel il-perċezzjoni tal-poplu u jaċċettawh bħala eroj.

Huwa komuni ħafna li meta niġu għal personaġġi li jkunu meqjusa bħala eroj ikun hemm qasma fil-perċezzjoni bejn dawk li jikkunsidrawhom bħala eroj u oħrajn li jħarsu lejhom bħala tradituri. Dan ħafna drabi huwa r-riżultat ta' rikonoxximent uffiċjali minn naħa akkademika iżda ammirazzjoni u għarfien limitat minn naħa tal-pubbliku inġenerali. L-istoriku Alan Confino jispjega li fil-ħolqien tal-memorja, aġenti differenti fosthom storiċi professjonali, politiċi u l-*elite* soċjali, huma essenzjali biex jagħżlu bejn pretensjonijiet differenti għall-memorja kollettiva.[2] B'hekk xi memorji jiġu ripressi u mwarrba. L-għajbien ta' Vassalli mill-memorja uffiċjali u l-qawmien mill-ġdid tiegħu fis-snin 30 tikkonferma t-teorija ta' selettività fil-memorja u r-rwol li għandu l-istoriku biex jerġa'jagħti l-ħajja lill-memorji mwarrbin.



Għalhekk, bħall-memorja, sabiex persunaġġ jibda jitqies bħala eroj ikun hemm il-bżonn ta' aġenti li jmexxu 'l quddiem il-kawża tiegħu. F'xi każijiet insibu rikonoxximent immedjat, speċjalment f'personaġġi bħal Dun Mikiel Xerri li jieħdu l-martirju sekulari. Oħrajn iridu jgħaddu minn skrutinju sħiħ. Dan joħloq il-possibilità li persunaġġi kkunsidrati bħala eroj jiġu approprjati u jinħolqu miti u kulti madwarhom. Kemm Vassalli u

Manwel Dimech ġew approprjati mill-Partit Laburista u ġew preżentati bħala l-eroj tagħhom, tant hu hekk li fl-2014 il-Prim Ministru u mexxej tal-Partit Laburista Joseph Muscat irrefera għall-moviment Laburista bħala l-eredi intellettwali ta' Vassalli u Dimech.[3]

## Ġakbin u Protestant?

Meta Mikiel Anton Vassalli ngħaqad mal-partit tal-Ġakbini fil-konfoffa kontra l-Ordni ta' San Ġwann huwa tebba' r-reputazzjoni tajba li kellu ta' lingwista.[4] Sal-1801 il-kelma *ġakbin* kienet diġà ħadet it-tifsira ta' traditur.[5] Fil-qawmien tal-Maltin kontra l-Franċiżi huwa kien ikkunsidrat bħala traditur u għalhekk issuspettat b'*convivenza cogli nemici* u mibgħut fl-eżilju *come giacobino*.[6] Meta rritorna mill-eżilju Vassalli żamm profil baxx 'il bogħod mid-dinja politika u ddedika ħajtu aktar fuq ix-xogħol lingwistiku. Iżda lejn l-aħħar ta' ħajtu ġab tebgħa oħra fuq ir-reputazzjoni tiegħu billi kkollabora mal-Protestanti. Il-frażi '*Casa Sospetta*' li tintuża biex tiddeskrivi d-dar ta' Vassalli fl-i*Status Animarum* tal-1828 għada tiġi ddibattuta jekk tiddeskrivix żwieġ irregolari jew persuna mhux prattikanti.[7]

## Vassalli fil-limbu – memorja ħajja f'ċirku ristrett



L-għajbien ta' Mikiel Anton Vassalli għal kważi l-anonimità nistgħu nattribwuha għall-fatt li rtira mix-xena pubblika meta rritona mill-eżilju. Ironikament din kienet ukoll ir-raġuni li għenitu jirriabilita l-immaġni tiegħu. Il-ħbiberija tiegħu mal-intellettwali Ingliż John Hookham Frere wittietlu t-triq biex jiġi aċċettat fost l-akkademiċi. Frankofili oħra, li żammew profil baxx jew iffukaw fuq xi ħaġa differenti, bħal Camillo Sciberras, Giorgio Grognet u Sigismondo Dimech reġgħu ġew integrati fis-soċjetà.[8] Iżda dawn, kuntrarju għal Vassalli, mietu fi ħdan il-Knisja Kattolika. Nies li kellhom saħħa jinfluwenzaw l-opinjoni pubblika, bħal Ġużè Muscat Azzopardi, ħatfu kull opportunità biex juru n-nuqqas ta' qbil tagħhom lejn Vassalli minħabba l-kollaborazzjoni tiegħu mal-Protestanti. Fid-daħla tiegħu għal Vanġelu ta' San Mattew maqlub għal Malti, Muscat Azzopardi jsemmi l-vanġeli li qaleb Vassalli u jiddeskrivihom bħala 'iż-żerriegħa ħażina'[9] filwaqt li f'*Nazju Ellul* (1909) jikteb li lil Vassalli ma sakkruhx il-ħabs għalxejn.[10]

Minkejja dan, Fortunato Panzavecchia f'*L'Ultimo Periodo della Storia di Malta scritto nell'anno 1825*, ippubblikat 6 snin wara l-mewt ta' Vassalli, isemmi l-konfoffa ta' Vassalli kontra l-Ordni.[11] Panzavecchia kien jaf lil Vassalli personalment iżda Ninu Cremona jemmen li Panzavecchia qagħad lura milli jikteb dak kollu li jaf, forsi għax kien iżeffen fin-nofs nies li kienu għadhom ħajjin u li ma kinux jieħdu gost b'dan.[12] Fix-xogħol l-ieħor tiegħu *Breve Storia di Malta dai tempi piu remote fino all'amministrazione del Governatore Sir Patrick Stuart colla traduzione Italiana* (1847), li fih ta ħarsa iktar fid-dettall lejn l-istorja ta' Malta, Panzavecchia ma jsemmix la lil Vassalli u lanqas il-konfoffa li kien involut fiha. Ġan Anton Vassallo wkoll isemmi lil Vassalli fl-i*Storia di Malta* ppubblikat fl-1890.[13] Għal snin twal dawn kienu l-uniċi kotba li jsemmu l-involviment politiku ta' Vassalli u kull min ried jirriċerka fuqu kellu juża lilhom bħala bażi tax-xogħol tiegħu.

Filwaqt li ħafna storiċi injoraw lil Vassalli, il-memorja tiegħu baqgħet ħajja permezz tal-lingwisti. Francesco Vella kien l-ewwel wieħed li tah dan ir-rikonoxximent meta fid-daħla għal *Maltese Grammar for the Use of the English* (1831) kiteb li l-Maltin kellhom dejn lejn Vassalli.[14] Vella spjega kif ir-raġuni għax-xogħol tiegħu kienet ix-xewqa li jkompli dak li beda Vassalli.[15] George Percy Badger ukoll wera l-ammirazzjoni tiegħu lejn Vassalli meta f'*A Letter on the Eligibility of the Maltese Dialect as a Written Medium of Instruction in the Government Primary Schools* (1841), ippreżenta l-i*Stedina* ta' Vassalli bħala eżempju ta' kitba bil-Malti. Badger juri d-dispjaċir tiegħu li isem Vassalli ma kienx irrispettat biżżejjed meta jiddeskrivih bħala 'raġel li ħadem iktar minn Malti ieħor għall-kultivazzjoni ta' lsienu, iżda li l-memorja tiegħu ma tingħatax il-ġieħ li jistħoqqilha'.[16] Studjużi oħra Maltin u barranin isemmu x-xogħol ta' Vassalli. Salvatore Cumbo, l-editur ta' *Il Filologo*, jinkludi lil Vassalli bħala wieħed miċ-'*cittadini benemeriti della patria filologia*'.[17] Ħafna jemmnu li d-*Dizionario Maltese-Italiano-Inglese* (1845) ta' Giovanni Battista Falzon u l-*Grammatica della Lingua Maltese* (1845) tal-Kanonku Panzavecchia huma bbażati fuq ix-xogħol ta' Vassalli.[18] Fis-*Saggio intorno alla Lingua Maltese come affine dell'Ebraico* (1880), Annibale Preca jsemmi lil Vassalli sabiex jirreferi għall-opinjoni tiegħu tal-oriġini tal-Malti. Fl-1879 Michele Amari f'*Le Epigrafi Arabiche di Sicilia,* jirreferi għat-traduzzjonijiet ta' Vassalli[19] filwaqt li William Wright jikkwota lil Vassalli u lil Gesenius fl-istudju tiegħu bl-isem ta' *Lectures on the Comparative Grammar of the Semitic Languages* sabiex jiddeskrivi lill-Malti bħala forma korrotta tal-Għarbi.[20] Ir-reputazzjoni tiegħu baqgħet ħajja f'dan iċ-ċirku ristrett imma jidher li dan kien biżżejjed biex aktar tard iqajjem interess fuq bażi iktar wiesgħa.

## Il-Kwistjoni tal-Lingwa – opportunità mitlufa

Ħafna drabi grupp li jkun qed imexxi 'l quddiem xi kawża jagħżel personalità mill-passat li jirrappreżenta l-ideali ta' dik il-kawża. Hekk per eżempju fis-seklu 19 l-opra *Guillaume Tell* ta' Gioachino Rossini issimbolizzat il-ġlieda kontra l-ħakma tal-Asburgi. Għalhekk huwa faċli li wieħed jassumi li ż-żmien tal-Kwistjoni tal-Lingwa seta' kien iż-żmien opportun biex jitqajjem mill-ġdid Vassalli u jintuża bħala s-simbolu tan-nazzjonaliżmu Malti. Iżda peress li fis-seklu 19 in-Nazzjonalisti Maltin kienu jorbtu n-nazzjonaliżmu Malti mal-lingwa Taljana u l-ilsien Malti kien imbuttat 'il quddiem mill-pro-Ingliżi, il-pro-Taljani ħarsu lejn l-ilsien Malti bħala skuża biex jitneħħa t-Taljan u għalhekk minflok eroj Vassalli beda jiġi meqjus bħala 'l-bojja tal-lingwa Taljana'.[21] L-istoriku Simon Mercieca jinnota li x-xogħol ta' Vassalli ma setax jiġi ppreżentat bħala espressjoni nazzjonalistika min-Nazzjonalisti Maltin tas-seklu 19 għaliex il-ħiliet lingwistiċi ta' Vassalli kienu ġew użati mill-Protestanti Ingliżi.[22] Fil-fatt Vassalli jissemma' f'xi dibattiti tal-Kunsill tal-Gvern matul



il-Kwistjoni tal-Lingwa. Waqt vot fuq tabelli ġodda fl-iskejjel qamet diskussjoni filoloġika. Id-Direttur tal-Edukazzjoni, Sigismondo Savona, biex isaħħaħ l-argument tiegħu kkwota siltiet mill-indirizz lin-nazzjon Malti ta' Vassalli u mid-*Discorso Preliminare*[23] imma minn naħa l-oħra Dr Alfredo Naudi rrefera għall-fatt li Vassalli kien użat mill-Missjunarji tas-Soċjetà Biblika bħala l-*primo fiasco*.[24] Diġà nistgħu ninnutaw perċezzjonijiet differenti lejn Vassalli u kif kien jiġi interpretat skont minn liema pożizzjoni ideoloġika wieħed kien qed jitkellem.

Ix-*Xirka Xemia*, mwaqqfa fl-1880 bl-għan li toħloq konformità fil-kitba bil-Malti billi tippromwovi l-użu tal-kliem b'nisel semitiku, kienet toħroġ il-ġurnal *Is-Sebħ* kull xahrejn. Fl-1 ta' Frar 1886 *Is-Sebħ* bdiet tippubblika *Proverbii Maltin maġzulin mill ktieb ta' M. A. Vassalli*, lista ta' qwiel meħudin mill-*Motti, Aforismi e Proverbii Maltesi* ta' Vassalli.[25] Ma tingħata l-ebda informazzjoni bijografika fuq Vassalli, allavolja *Is-Sebħ* kienet ta' spiss tipprovdi materjal għall-qari bil-Malti fuq l-Istorja ta' Malta u personalitajiet Maltin u lanqas ma tinkludi lil Vassalli fil-*Qari Ḡall Maltin*, ktieb għall-qari bil-Malti li ħarġet fl-1885 u li kien jinkludi informazzjoni biografika fuq persunaġġi Maltin.[26] Għalhekk, għalkemm Vassalli huwa meqjum fil-qasam lingwistiku, huwa jiġi injorat bħala eroj, probabbilment minħabba s-simpatiji tiegħu lejn il-Franċiżi u l-kollaborazzjoni tiegħu mal-Protestanti.

Huwa biss aktar tard, fis-snin 20 u 30 tas-seklu 20, li l-interess f'Vassalli jerġa'jitqajjem u jiġi promoss minn diversi awturi li kienu qed ifittxu li jgħollu l-istat tal-Malti bħala lsien nazzjonali.[27] Bit-twaqqif tal-*Għaqda Kittieba tal-Malti* (1920) u aktar tard tal-*Għaqda tal-Malti – Università* (1931), kellek ġenerazzjoni ġdida u aktar enerġetika ta' awturi li wittew it-triq għas-sejbien mill-ġdid ta' Vassalli.[28]

## Vassalli lura fix-xena pubblika

Biex memorja tibqa' mfakkra teħtieġ li din tiġi istituzzjonalizzata. Sabiex iseħħ dan ikun hemm bżonn tal-aġenti biex jerġgħu jqajmu dik il-memorja u jippromwovuha. Barry Schwartz (1996) jikteb li wieħed ma jistax jimpurtah minn passat li ma jħossx rabta miegħu.[29] Għalhekk, qabel il-poplu seta' jassoċċja lilu nnifsu ma' Vassalli u jaċċettah, l-ewwel kellu jiġi rriabilitat. Is-snin 20 u 30 kien iż-żmien l-aħjar żmien biex l-akkademiċi jerġgħu jistudjaw u jirrevedi ħajtu u Vassalli beda jiġi mbuttat 'il quddiem fil-kawża tal-ilsien Malti.

Qabel l-ewwel kitbiet tiegħu fuq Vassalli, Ninu Cremona, flimkien ma' Mons. Pietru Pawl Saydon, bħala rappreżentanti tal-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti*, kitbu *The development of Maltese as a written language and its affinities with other semitic tongues: a paper read by the delegate of the Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, the Rev. C.L. Dessoulavy, at the 17th International Congress of Orientalists, Oxford, 29th August, 1928*, fejn fiha jagħtu deskrizzjoni storika tal-ilsien Malti, inkluż il-kontribuzzjonijiet ta' Vassalli.[30] Cremona jniżżel id-data tat-twelid ta' Vassalli bħala *footnote*, u għalhekk jurina li r-riċerka tiegħu fuq Vassalli kienet diġà bdiet. F'dan il-kuntest, fl-1932, Ninu Cremona beda jippubblika f'*Il-Malti* dak li sab fuq Vassalli. Cremona jgħid li kien Dun Karm Psaila, id-Direttur ta' *Il-Malti* f'dak iż-żmien, li ħeġġu jagħmel dan.[31] Fl-1936 Psaila jispjega kif kien ġie ispirat biex jaqleb għall-Malti *I Sepolcri* ta' Ugo Foscolo minħabba li ma kienx ġie mfakkar il-100 sena anniversarju mill-mewt ta' Vassalli (1929).[32] Meta Dun Karm sar President tal-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti*, wara Ġużè Muscat Azzopardi, l-*Għaqda* ħadet pożizzjoni differenti lejn Vassalli. Fl-1933 Dun Karm Psaila ppubblika s-sunett *Lil Mikiel Anton Vassalli* u fl-

1935 semma lil Vassalli fil-poeżija *Lil Ħaż-Żebbuġ, Raħal Twelidi*. Huwa interessanti kif qassisin Kattoliċi, barra Dun Karm, kellhom sehem kbir fil-qawmien mill-ġdid tal-memorja ta' Vassalli, minkejja r-rabtiet li kellu mal-Protestanti u li ma ngħatax difna Kattolika. Fost dawn insibu lil Dun Charles L. Dessoulavy, Mons. Karm Sant, Patri Dwardu Fenech u Mons. Lawrenz Cachia. Barra minn hekk, ħafna min-nies li bdew jippromwovu lil Vassalli, bħal Ninu Cremona u Ġużè Aquilina, kienu diġà personalitajiet stabbiliti u kellhom pożizzjoni rispettabbli fis-soċjetà.[33]

Sabiex iseħħ ir-rikonoxximent ta' eroj popolari jkun hemm bżonn ukoll tal-ħolqien ta' 'kult uffiċjali' bit-twaqqif ta' monumenti, plakek, ismijiet ta' toroq u pjazez, filwaqt li l-memorja tiegħu tibqa' mfakkra permezz ta' ċelebrazzjonijiet annwali, għanjiet, innijiet, poeżiji, stejjer u attivitajiet minn organizzazzjonijiet varji. L-iżvilupp tal-mit jissaħħaħ b'dawn il-kommemorazzjonijiet pubbliċi. Dawn l-għodda jservu ta' propaganda ħajja għall-kisbiet individwali kif ukoll għall-għarfien nazzjonali.[34]




Wara li ngħata dan in-nifs ġdid permezz ta' Cremona, Vassalli jibda jsib ismu f'ħafna xogħol letterarju u dan kompla għen ir-riabilitazzjoni tiegħu. Vassalli mhux biss kien is-suġġett ta' sunetti miktuba minn Cremona, Dun Karm u Ġorġ Pisani iżda ukoll fl-1938 Mikiel Anton Vassalli kien karattru prinċipali fir-rumanz ta' Ġużè Aquilina *Taħt Tliet Saltniet*. Aquilina jippreżenta lil Vassalli bħala rivoluzzjonarju kbir ta' statura erojka, kolonna kontra l-għadu barrani. F'dawk iż-żminijiet Vassalli sar popolari wkoll mal-istudenti universitarji. Ġużè Cassar Pullicino jiftakar kif id-Dipartiment tal-Malti, li kien għadu kif ġie mwaqqaf, ipprova jkompli x-xogħol ta' Vassalli u sa fl-aħħar iwettaq l-ideali tiegħu. Is-*slogan* magħżul għall-edizzjoni ta' Marzu/April tal-1940 tal-*Leħen il-Malti* juri dan: '*Studenti minn għandna l-Malti jistenna rebħa akbar. Il-fehma ta' Vassalli jeħtieg li titwettaq kollha*.'[35] Barra minn hekk fl-1943, żewġ toroq issemmew għal Vassalli, waħda f'Ħaż-Żebbuġ u l-oħra fil-Ħamrun.

It-tieni mbuttatura fir-riabilitazzjoni ta' Vassalli seħħet fis-snin 60. L-indipendenza ta' Malta ħabtet mal-200 sena anniversarju mit-twelid ta' Vassalli. F'dak il-fervur nazzjonalistiku Ivo Muscat Azzopardi, permezz tal-gazzetta tal-Knisja *Leħen is-Sewwa*, ħeġġeġ lill-pubbliku biex ifakkar lil Vassalli permezz ta' xi bust, bolla jew toroq imsemmija għalih.[36] F'gazzetta oħra tal-Knisja, f'*Il-Ħaddiem* taż-Żgħażagħ Ħaddiema Nsara, Karm Bonavia jgħaqqad l-indipendenza ta' Malta ma' Vassalli bħala l-ewwel wieħed li sejjaħ lil Malta nazzjon u li ddikjara lil Malti bħala l-ilsien nazzjonali.[37] Fl-istess gazzetta Ġużè Galea jippubblika *Id-Dinja Rota*, rumanz ibbażat fi żmien il-Franċiżi.[38] Vassalli huwa wieħed mill-protagonisti. Huwa jiġi ppreżentat bħala raġel intelliġenti ħafna imma ġwejjed mingħajr il-karatteristiċi ta' mexxej, idealista imma mhux opportunista u dan ifixkel il-progress tiegħu.[39] Kif Galea jippreżenta lil Vassalli jikkuntrasta bil-kbir mal-mod kif Aquilina ppreżentah fis-snin 30 jew kif ippreżentah il-Professur Manwel Mifsud fil-kanzunetta *Vassalli* fis-snin 80: 'Mas-slaten barranin, bla xejn mistħija, Hu sostna l-jedd li Malta tkun Maltija'.





BANDA SAN FILEP A.D.1851

Galea jippreżenta lil Vassalli bħala vittma, l-aktar tal-manuvri opportunistiċi u għajjura tal-Kanonku Francesco Saverio Caruana. Minħabba li r-rumanzi popolari jilħqu udjenza aktar wiesgħa minn xogħlijiet akkademiċi, dawn setgħu għenu biex jagħtu perċezzjoni pubblika ġdida ta' Vassalli.




## Vassalli u l-approprjazzjoni politika

Waqt li l-istudji akkademiċi jgħinu biex personalità tiġi studjata minn lenti differenti, dawn rari jirnexxilhom jittrasformawha f'eroj popolari. Ikun hemm bżonn li jinħoloq kult popolari. L-iskola tal-ħsieb kostruzzjonista tħares lejn il-memorja bħala l-bini mill-ġdid tal-passat skont il-bżonnijiet tal-preżent. Għalhekk l-ewwel riabilitazzjoni ta' Vassalli seħħet fis-snin 30 meta kellek diversi lingwisti jaħdmu favur l-ilsien Malti. Il-viżjoni ta' nazzjon ta' Mikiel Anton Vassalli kienet użata mill-moviment favur l-ilsien Malti biex tikkonvinċi lin-nies li kienet ħaġa naturali li l-Malti jkun l-ilsien nazzjonali.

Il-partiti politiċi f'Malta għandhom saħħa biżżejjed biex jelevaw lil xi personalità għall-istat t'eroj. Il-Partit Laburista appropja lil Vassalli u beda jippreżentah bħala eroj tiegħu. Fl-Istorja tal-Partit Laburista miktuba minn Mario Cutajar fl-2011, l-awtur jippreżenta lil Vassalli bħala eroj tal-ħaddiema. Il-qoxra tal-ktieb ta' Cutajar turi l-mexxejja tal-Partit Laburista imma tinkludi ma' dawn lil Vassalli.[40] Dan jagħti l-impressjoni li Vassalli kien involut fil-partit. Cutajar jispjega li l-għan tal-ktieb huwa li jagħti l-istorja ta' moviment soċjali li pprova jbiddel is-soċjetà, inkluż movimenti li ġew meqruda qabel laħqu l-għan tagħhom bħal dak ta' Vassalli. Huwa jorbot l-idea ta' Vassalli tal-emanċipazzjoni tal-poplu permezz tal-ilsien Malti mal-ħidma tal-Partit Laburista fil-promozzjoni tal-ilsien Malti.[41] Saħansitra, Cutajar jispjega t-torċa fl-arma tal-partit bħala riflessjoni tal-Illuminiżmu ta' Vassalli.[42]

Il-monument lil Mikiel Anton Vassalli sar fi żmien Gvern Laburista fl-1987. Ftit jiem qabel il-kxif tal-monument ta' Vassalli, il-gazzetta Laburista *Weekend Chronicle* ippubblikat artiklu bl-isem ta' *Vassalli 18$^{th}$century Mintoff*.[43] Fl-istess paġna l-gazzetta rrappurtat id-diskors tal-Perit Mintoff waqt *meeting* f'Bormla fejn hu spjega kif Vassalli daħħal f'Malta l-ideat tar-Rivoluzzjoni Franċiża u kif Vassalli kien ġew imwarrba mill-forzi reazzjonarji u konservattivi tal-pajjiż. F'*The Times* Mons. Karm Sant ilmenta fuq il-fatt li Mintoff iddeskriva lil Vassalli bħala soċjalist. Hu wkoll ikkummenta kif baqa'mbellah meta sema' li Mintoff kien qal li Vassalli kien delegat fl-assemblea li bdiet ir-Rivoluzzjoni Franċiża u xtaq ikun jaf minn fejn kien ġab din l-idea. Sant argumenta li dan kien pass ieħor fil-ħolqien ta' mit li kien qed jinbena madwar Vassalli. Dal-proċess kien diġà beda meta saret xbieha Garibaldina ta' Vassalli fuq bolla u kompla bil-monument.[44] Sant kien riċerkatur akkanit ta' Vassalli u ried jippreżenta immaġni oġġettiva tiegħu, imnaddfa mill-partiġġjaniżmu politiku kif jidher mill-fatt li ta' spiss kien jirrispondi fil-gazzetti għal artikli b'informazzjoni skorretta fuq Vassalli.[45]

Meta l-Partit Nazzjonalista tela'fil-gvern f'dik l-istess sena, grupp ta' korrispondenti kitbu fit-*Times* numru ta' suġġerimenti li kellu jagħmel il-Gvern ġdid fosthom li jitneħħa l-monument ta' Vassalli f'Ħaż-Żebbuġ.[46] Persuna li rrispondiet għal dawn is-suġġerimenti

qalet li kieku kellu jitneħħa l-monument ta' Vassalli dan kien jirrabja liż-Żebbuġin kollha, kemm Laburisti kif ukoll Nazzjonalisti.[47] Dan il-kumment juri li Vassalli jgawdi rikonoxximent mhux partiġġjan. Il-Gvern Nazzjonalista injora dawn is-suġġerimenti. Filwaqt li l-Partit Laburista kompla japproprja lil Vassalli bil-ħolqien tal-*Fondazzjoni Vassalli*, il-PN xorta ħassu komdu jassoċċja ruħu miegħu tant li diversi xogħlijiet ġodda fuqu ġew ippublikati f'gazzetti Nazzjonalisti[48] u l-eks Prim Ministru Lawrence Gonzi rrikonoxxa lil Vassalli f'diskors fl-okkażjoni tad-90 anniversarju tal-Parlament Malti.[49] Il-fama ta' Mikiel Anton Vassalli bħala Missier l-ilsien Malti u l-fatt li sejjaħ il-Maltin bħala nazzjon jidher li elevatu 'l fuq mill-politika partiġġjana.

## Vassalli fl-ispazju pubbliku

Meta l-gvernijiet jiddeċiedu li jagħmlu xi tifkira fi spazju pubbliku jkunu qed jagħtu rikonoxximent uffiċjali. Xi kultant dawn it-tifkiriet minflok joħolqu l-għaqda, joħolqu kunflitt u argumenti differenti. L-użu tal-isem tal-eroj biex jissemmew organizzazzjonijiet jew spazji pubbliċi jista' jħalli impatt sinifikanti. Wara li fis-snin 40 żewġ toroq kienu msemmija għal Vassalli, issemmew oħrajn fil-Belt Valletta, f'Ħal Qormi u fiż-Żejtun fis-snin 80 u oħra f'San Ġiljan fl-1991. B'kollox hawn 12-il triq imsemmija għal Vassalli.[50] L-istituzzjonijiet edukattivi huma postijiet pubbliċi strateġiċi li jiffurmaw il-memorja kollettiva. Meta nfetaħ il-*Junior Lyceum* tas-subien f'Tal-Ħandaq fl-1981, issemma Liċeo Vassalli.[51] Għalkemm żgur li mhux kull student indenja ruħu jsir jaf min kienVassalli, tal-inqas l-isem sar familjari magħhom. Isem Vassalli sab ruħu wkoll fuq il-Kampus tal-Università. Fl-1983 Karmen Mikallef Buħaġar ikkummissjonat lil Ċensu Apap jagħmel xbieha ta' Vassalli tal-bronz imfassla fuq il-bolla li saret minnu.[52] Din kienet twaħħlet mal-veranda tas-Sala Sir Temi Zammit. Għaxar snin wara, b'inizjattiva tal-Għaqda tal-Malti (Università) din l-irħama saret parti minn mafkar akbar u tpoġġiet f'post aktar prominenti meta fis-26 ta' Jannar 1993 ir-Rev. Prof. Peter Serracino Inglott, dak iż-żmien Rettur tal-Università, inawgura dan il-monument fl-ikbar atriju li hemm fl-Università. Fl-2002 mal-mafkar żdiedet silta li tagħlaq id-*Discorso Preliminare* tal-Lexicon ta' Vassalli filwaqt li l-inħawi ssemmew uffiċjalment "Atriju Vassalli". Fl-2001 ġiet inawgurata parti ġdida fl-Universita u din issemmiet *Ċentru tal-Konferenzi Mikiel Anton Vassalli*.




Il-viżwal jgħin ħafna biex il-memorja tal-eroj tiġi mbuttata 'l quddiem. Cremona jiftakar lil min jgħidlu li kienet teżisti pittura ta' Vassalli fil-Kamra tal-Qari ta' Ħaż-Żebbuġ, imma din qatt ma nstabet.[53] B'hekk skulturi bħal Ċensu Apap u Anton Agius ħolqu waħda, u bbażawha fuq stil Garibaldin. Eżempju ta' dan hija l-bolla li

ħarġet fl-1980 li turi altoriljev magħmul minn Apap.[54] Meta kienu qed isiru l-pjanijiet għall-monument ta' Vassalli, Ġużè Aquilina issuġġerixxa li l-monument kellu juri kunjom Vassalli u dizzjunarju ppreżentati b'mod artistiku, ħalli ma tinħoloqx xbieha fittizja ta' wiċċ Vassalli.[55] Il-monument lil Vassalli ġie inawgurat fis-7 ta' Mejju 1987 f'Ħaż-Żebbuġ, f'waħda mit-toroq arterjali ta' Malta u dan seta' għen biex il-pubbliku jsir familjari ma' ismu u x-xbieha maħluqa tiegħu. Is-suġġerimenti ta' Aquilina ma ntlaqgħux u għal ħafna nies wiċċ Vassalli huwa dak li hemm fil-monument tiegħu f'Ħaż-Żebbuġ.

Biex dawn l-eroj isiru aktar popolari, wara li ġew riabilitati, ittellgħu diversi kommemorazzjonijiet biex ifakkruhom. Fl-1979 il-każin Laburista f'Ħaż-Żebbuġ organizza serata mużiko-letterarja fl-okkażjoni tal-150 sena mill-mewt ta' Vassalli fejn ġew esebiti diversi ritratti ta' dokumenti li juru episodji importanti ta' ħajtu.[56] Fuq riċerka ta' Karm Bonavia, l-artist Tony Degiovanni pinġa 24 stampa li juru l-ħajja ta' Vassalli ħalli l-pubbliku jkun jista' jifhem aħjar.[57] Wara, dawn ġew esebiti f'postijiet oħra wkoll. Iktar ma' Vassalli beda jiġi rrikonoxxut, iktar il-Partit Laburista beda jassoċja lilu nnifsu miegħu biex jagħti tifsira lil dak li kien qed iwettaq. Il-Ministru tal-Edukazzjoni ta' dak iż-żmien, Philip Muscat, enfasizza kif l-isforzi ta' Vassalli qed jiġu mwettqa issa.[58] Wirja simili ttellgħet f'Raħal Ġdid fl-1984. Din issemmiet: '*Mikiel Anton Vassalli: dak li xtaq u bata għalih, beda jseħħ u jitwettaq biss fi żmienna'*. Mons. Lawrenz Cachia għen fil-popolarizzazzjoni ta' Vassalli billi ta diversi taħditiet pubbliċi fl-1986 filwaqt li fl-1987 għamel serje ta' seba' intervisti fuq it-televiżjoni.[59] Fl-1995, saret lapida fl-*Imsida Bastion Cemetery* biex timmarka l-post fejn huwa maħsub li ndifen Vassalli.

Il-ġenerazzjoni żagħżugħa ġiet esposta għal isem Vassalli b'diversi modi fosthom permezz tal-poeżiji li jfaħħru lil Vassalli li spiċċaw fis-sillabu tal-iskola, t-tlett artikli tal-Professur Oliver Friggieri fir-rivista popolari *Sagħtar* u r-rumanzi bħal *Taħt Tliet Saltniet*, *Il-Ħolma Maltija* ta' Frans Sammut (1994) u *Is-Seba' Tronġiet Mewwija* ta' Trevor Zahra (1994).[60] Mod ieħor kien permezz tad-drama. Fl-1989 il-Partit Laburista pproduċa r-rock opera *Bastilja* sabiex ifakkar il-200 anniversarju mir-Rivoluzzjoni Franċiża. Il-karattru ta' Vassalli ġie użat mill-awturi biex jiddiskutu s-sitwazzjoni ta' Malta u saħansitra poġġewh mal-folla rivoluzzjonarja li akkużat lir-Re Lwiġi XVI bi tradiment.[61] Fl-2014 *Ċittadin Vassalli*, imtella' fit-Teatru Manwel, kienet l-ewwel produzzjoni teatrali li ħeġġet lill-udjenza tistaqsi jekk Vassalli kienx verament eroj jew inkella traditur.

## Reżistenza għar-riabilitazzjoni ta' Vassalli

Il-memorja uffiċjali maħluqa mill-mexxejja kulturali għall-ewwel iddemonizzat lil Vassalli u mbagħad injoratu. Wara r-riabilitazzjoni tiegħu bdiet tigglorifikah imma l-memorja vernakulari m'aċċettatux mill-ewwel u kellha bżonn ta' ħafna għajnuna biex jerġa' jsir parti mill-memorja kollettiva tagħha.

L-ikbar żewġ eżempji ta' reżistenza lejn ir-riabilitazzjoni ta' Vassalli huma ittra fil-ġurnal *Malta* tal-1934 li tikkritika lil Dun Karm talli kien qed ifaħħar kollaboratur tal-Protestanti[62] u s-suġġeriment li semmejt qabel li kellu jitneħħa l-monument ta' Vassalli. Probabbilment ma kien hemm l-ebda kontroversja qawwija wara r-rikonoxximent uffiċjali ta' Vassalli minħabba li r-riabilitazzjoni tiegħu seħħet 100 sena wara mewtu, u għalhekk ma kien għad fadal ħadd li jiftakru. Fis-snin 80, isem Vassalli reġa' ġie invoga meta diversi storiċi, fosthom Frans Ciappara, barra lingwisti, għamlu studju ġdid fuqu u reġgħu ppreżentaw

lil Vassalli bħala figura politika u riformatur.[63] Fejn qabel Vassalli kien ġie ppromovut fuq inizjattivi personali, f'dan iż-żmien il-gvern ħa rwol iktar attiv fil-promozzjoni ta' Vassalli. Dan id-dewmien seta' għen biex tindera aktar malajr l-immaġni l-ġdida ta' Vassalli li ġiet ippreżentata lill-pubbliku. Il-kontroversja li kienet tqum ta' spiss fuq Vassalli kienet jekk kienx imċaħħad minn difna Kattolika minħabba li qaleb il-Vanġeli għall-Protestanti jew minħabba ż-żwieġ irregolari tiegħu. Mons. Karm Sant insista ħafna drabi li r-raġuni kienet din tal-aħħar.[64]

## Vassalli ġie riabilitat?



Il-kuxjenza li qamet permezz ta' din l-espożizzjoni pubblika qajmet interess ġdid, fejn ġew miktuba diversi artikli, kitbiet akkademiċi u kotba, kif ukoll Vassalli kien is-suġġett ta' numru ta' teżijiet li ttrattawh minn aspetti differenti. L-*Għaqda tal-Malti* (*Università*) ħeġġet din ir-riċerka u fl-2002 ittellgħet l-ewwel *Konferenza Vassalli* filwaqt li fl-2004 bdiet is-*Sensiela Vassalli* – serje ta' pubblikazzjonijiet marbuta ma' studji fuq Vassalli, bl-ewwel pubblikazzjoni kienet *Dawl Ġdid fuq Vassalli* ta' Olvin Vella (editur). Frans Sammut żied il-letteratura fuq Vassalli b'xogħol oriġinali kif ukoll billi rriproduċa jew qaleb xogħlijiet ta' Vassalli u hekk dawn saru disponibbli għal udjenza akbar.[65] Ix-xewqa li nsiru nafu aktar fuq Vassalli wasslet biex riċentament Charles Xuereb skopra l-*Permis de Séjour* tiegħu f'Pariġi u mid-dettalji tiegħu saret tpinġija li tqarreb lejn il-veru xbieha ta' Vassalli.[66]

Iżda wara dan kollu l-perċezzjoni pubblika ta' Vassalli llum inbidlet? Fil-passat l-animożità li kienet teżisti lejn Vassalli kienet l-aktar minħabba t-tradiment li wera lejn ħakkiema li relattivament huma maħbubin mal-Maltin (il-Kavallieri), l-assoċjazzjoni tiegħu lejn ħakkiema mistkerrha (il-Franċiżi) u l-inkwiet li kellu mal-Knisja. Iżda f'Malta ta' wara l-indipendenza persunaġġi li opponew il-ħakma barranija saru eroj, anke minħabba l-fatt li ma baqgħetx daqshekk diffiċli tieħu din il-pożizzjoni. Bid-dħul ta' aktar sekulariżmu, naqsu l-attakki fuq Vassalli minħabba l-kwistjonijiet mal-Knisja u ż-żwieġ irregolari tiegħu u l-kollaborazzjoni mal-Protestanti ma baqgħux daqshekk tabù.[67] L-ikbar ostaklu fl-aċċettazzjoni kompleta ta' Vassalli jibqgħu s-simpatiji pro-Franċiżi tiegħu peress li fil-memorja kollettiva Maltija l-Franċiżi jibqgħu mfakkra bħala dawk li 'serqu l-fided mill-knisja'.[68] Madanakollu jidher li l-fatturi li kienu jfixklu r-riabilitazzjoni tiegħu dejjem qegħdin jonqsu. Minkejja dan, f'*vox pop* li sar f'Ħaż-Zebbuġ mis-sit *Newsbook* fl-okkażjoni tal-250 sena mit-twelid ta' Vassalli waħda biss mill-ħmistax-il persuna intervistati kienet taf twieġeb 'Min kien Vassalli?'[69] Dan jista' jirrifletti n-nuqqas t'interess tal-Maltin fl-Istorja tagħhom. Minkejja dan, Mikiel Anton Vassalli jista' jitqies ixxurtjat, għax filwaqt li personaġġi kontroversjali oħrajn intilfu matul iż-żminijiet, sa ċertu punt huwa diġà ġie rriabilitat tant li ġie rrikonoxxut bħala Missier l-ilsien Malti.

**Referenzi**

1 http://www.akkademjatalmalti.com/page.asp?p=21621&l=1(aċċessat l-aħħar fit-30-IV-15).
2 Alan Confino, 'Collective Memory and Cultural History: Problems of Method', *American Historical Review*, (Diċembru 1997), 1386-1403, 1398.
3 'Government transforming Malta into best in Europe', The Malta Independent, 21 t'April 2014, 1
4 Frans Ciappara, *M.A. Vassalli 1764-1829 An enlightened Maltese reformer*, (Malta, Midsea Books, 2014), 79.
5 Charles Xuereb, *France in the Maltese Collective Memory: Perceptions, Perspectives, Identities after Bonaparte in British Malta*, (Malta, Malta University Press, 2014), 1.
6 UOM, ARCG, Ms 222, *Miscellanea Vassalli*, 92 siltiet mill-*Archivio della Corte Criminale*.
7 Karm Sant, 'Myth Making', Letters to the Editor, *The Times*, 2 ta' Mejju 1980, 10.
8 Ciappara, 125.
9 Ġużè Muscat-Azzopardi, *L'Imkaddes evangeliu ta Ġesù Cristu chif chitbu San Matteu bit-tifsir collu ta l'Iskof Martini u ta xi għorrief oħra. Xogħol bil Malti ta' G. Muscat-Azzopardi L'euuel ctieb*, (Malta, Menu Busuttil, 1895), 3.
10 Idem, *Nazju Ellul Ġrajja ta Malta fi żmien il franċisi*, (Malta, G. Muscat, 1909), 17.
11 Fortunato Panzavecchia, *L'Ultimo periodo della Storia di Malta scritto nell'anno 1825*, (Malta, Stamperia del Governo, 1835), 344-346.
12 Ninu Cremona, *Mikiel Anton Vassalli u żminijietu*, (Malta, Klabb Kotba Maltin, 1975), 78.
13 Gio. Antonio Vassallo, *Storia di Malta*, (Malta, 1854), 729-730.
14 Francesco Vella, *Maltese Grammar for the Use of the English*, (Leghorn, Glaucus Masi, 1831), 3.
15 Vella, *Dizionario Portabile delle Lingue Maltese, Italiano, Inglese compilato da F. Vella*, (Livorno, Stamperia degli artisti Tipografi, 1843), paġna bla numru imsejħa 'Concittadini!'.
16 George Percy Badger, *A letter on the eligibility of the Maltese Dialect as a written medium of instruction in the Government Primary Schools addressed to His excellency Sir H. F. Bouverie*, (Malta, 1841), 17.
17 Arnold Cassola, *Francesco Vella (1793-1868) Anunsung Protagonist of Maltese Language Development, with a rare book written by* him, (Malta, Minima Publishers, 2013), 41b'referenzi minn*Il Filologo Maltese* 28 ta' Frar 1841, nr. 4, 19-21.
18 Dwardu Fenech, *Vassalli u Kitbietu*, (Malta, P.A.M, 1977), 31; http://www.akkademjatalmalti.com/page.asp?p=9023&l=1(aċċessat l-aħħar fit-28-VIII-14)).
19 Cremona, 88.
20 http://www.akkademjatalmalti.com/page.asp?p=9023&l=1(aċċessat l-aħħar fit-28-VIII-14).
21 Cremona, *Min hu Vassalli u għaliex ktibt ħajtu April 1937*, paġna bla numru '*Il-Bojja tal-Lsien Taljan*'.
22 Simon Mercieca, *In search of the roots of the Unione Politica Maltese (U.P.M.): religion, identity and social consciousness*, 319 <http://www.academia.edu/8519259/In_search_of_the_roots_of_the_Unione_Politica_Maltese_U.P.M._religion_identity_and_social_consciousness>(aċċessat l-aħħar fl-01-V-15).
23 *Debates of the Council of Government of Malta in the Session 1883-84-85, Vol VII comprising the period from the 31st October 1883 to 30th September 1885 Sittings nos. 1-37*, (Malta, Government Printing Office, 1886), 21 ta' Novembru 1883, 137-138.
24 Ibid., 11 ta' Jannar 1884, 259.
25 Is-Sebh Qari bil-Malti miktub mix-Xirka Xemïa 1 ta' Frar 1886, 6.
26 Qari Ġall Maltin, maħruġ mix-Xirka Xemïa, 1885, 41.
27 Karm Bonavia, *Mikiel Anton Vassalli (1764-1829) Missier l-ilsien Malti – Il-Bniedem, il-Ħassieb u l-Kittieb – Wirja ta' Dokumenti u Kotba, Bibljoteka Nazzjonali ta' Malta 2-17 ta' Diċembru 1993*, (Malta, Bibljoteka Nazzjonali ta' Malta, 1993), 4.
28 Joseph P. Borg, *Daħla* fi Frans Sammut, *Mikiel Anton Vassalli – Għajdun il-Għaqal, Kliem il-Għerf u Qwiel Maltin*, (Malta, Argo, 2006), ii.
29 Schwartz (1996), 908-927, 910.
30 Frances Vella Haber, *Ninu Cremona, Bijografija*, teżi mhux ippubblikatatal-B.A. (bl-Unuri) fil-Malti, 1968, 66-67.
31 Borg(2006), ii.
32 Dun Karm Psaila, *Ugo Foscolo L-Oqbra Daħla qlib u tifsir ta' Dun Karm Bi żjieda ta' ħajja fil-qosor tal-awtur u daqsxejn ta' leġenda*, (Malta, Stamperija tal-Gvern, 1936), 9-10: … *meta fl-1929, għalqet l-ewwel mitt sena mill-mewt ta' Mikiel Anton Vassalli, il-missier tal-lsien letterarju, u jien rajt b'għafsa ta' qalb kif dik il-ħabta għaddiet bla ma ħadd biss ftakar f'dak il-bniedem…*
33 Cremona kien l-ewwel Surmast tal-klassijiet superjuri tal-Liċeo filwaqt li Aquilina kien l-ewwel Professur tal-Malti u l-ilsna Orjentali fl-Università ta' Malta.

[34] David Welch, 'Painting, Propaganda and Patriotism', *History Today*, lv, 7, (Lulju 2005), 50
[35] Aquilina, 'Meeting People: Ġużè Cassar Pullicino' f'*The Sunday Times*, 29 ta' Mejju 1983, 20.
[36] Ivo Muscat Azzopardi, 'Mikiel Anton Vassalli', *Leħen is-Sewwa*, 3 ta' Marzu 1964, 7.
[37] Bonavia, 'F'għeluq il-200 sena mit-twelid ta' M.A. Vassalli', *Il-Ħaddiem*, 29 ta' Diċembru1964, 5.
[38] *Il-Ħaddiem*, 16 ta' Lulju 1964 sal-10 ta' Marzu 1965.
[39] Ġużè Galea, 'Id-Dinja Rota' , *Il-Ħaddiem*, 21 ta' Settembru 1964, 6: '*Vassalli kien żagħżugħ ġwejjed, iħobb iżomm lura, il-kalma, jaħsibha qabel jitfagħha u jitfixkel quddiem il-kbarat*'.
[40] Mario Cutajar, *Storja tal-Partit Laburista*, (Malta, SKS, 2011), Qoxra ta' quddiem.
[41] Ibid., 23
[42] Ibid., 374
[43] Seneca, 'Vassalli 18th century Mintoff', *Weekend Chronicle*, 18 t'April 1987, 7.
[44] Sant, 'Myth Making', Letters to the Editor, *The Times*, 22 t'April 1987, 12.
[45] Ara Sant, 'M.A. Vassalli and the Church', Letters to the Editor, *The Sunday Times*, 12 t'Awwissu 1979, 17; 'Myth Making', Letters to the Editor, *The Times*, 2 ta' Mejju 1980, 10.
[46] The Group, 'Points for Action', *The Sunday Times*, 31 ta' Mejju 1987, 18.
[47] Seneca, 'In the company of weirdos', *Weekend Chronicle*, 6 ta' Ġunju 1987, 15.
[48] Għal xi eżempji wieħed jista' jara: Dwardu Fenech, 'Manifest ta' M.A. Vassalli', *In-Nazzjon*, 3 ta' Mejju 1974, 11; David Agius Muscat, 'Mi Faccio turco. Vassalli fil-ħabs fi żmien il-Franċiżi kif jidher fil-Giornale ta' Fortunato Panzavecchia', *Il-Mument*, 25 ta' Lulju 2004, 16-17; Friggieri, 'Malta nazzjon fil-ħsieb ta' Mikiel Anton Vassalli', *Il-Mument*, 27 t'April 2014, 30.
[49] *90 Sena tal-Parlament Malti 1921 – 2011*, 16, 32 http://www.parlament.mt/reports-parliament?l=1 (aċċessat l-aħħar 20-V-15).
[50] Bonavia, 'Ix-Xhieda ta' Vassalli fil-wirjiet (l-1 parti)', *Il-Ġens illum*, 3 ta' Lulju 2004, 30.
[51] http://schoolnet.gov.mt/liceovassalli/mav/resources/SMT%20files/PDFs/25th%20Anniversary%20article%20for%20web%20site.pdf (aċċessat l-aħħar fis-26-V-15).
[52] Bonavia, 'Ix-Xhieda ta' Vassalli fil-wirjiet (l-1 parti)', *Il-Ġens illum*, 3 ta' Lulju 2004, 30.
[53] Oliver Friggieri, 'Iċ-Ċurkett u x-Xbieha ta' Vassalli', *Journal of Maltese Studies*, xxiii-xxiv (1993), 173-174.
[54] Bonavia, 'Ix-Xhieda ta' Vassalli fil-wirjiet (l-1 parti)', *Il-Ġens illum*, 3 ta' Lulju 2004, 30;Said, Malta Stamp Catalogue, 1982 (Malta, Emm. Said Publishers, it-13 ed., 1982)
[55] Aquilina, 'Vassalli's Face', *Sunday Times*, 28 ta' Settembru 1986, 18.
[56] 'Commemorative evening in honor of M.A. Vassalli', The Sunday Times, 15 ta' Lulju 1979, 27.
[57] Bonavia, 'Ix-Xhieda ta' Vassalli fil-wirjiet (l-1 parti)', *Il-Ġens illum*, 3 ta' Lulju 2004, 30.
[58] Aquilina, 'M.A. Vassalli (1764-1829) a scholar and a patriot', *The Sunday Times*, 5 t'Awwissu 1979, 13.
[59] Lawrenz Cachia, *Mikiel Anton Vassalli Ħajtu fil-qosor*, (Malta, Printwell, 1988), Daħla, paġna bla numru.
[60] Friggieri, 'Tislima lil Vassalli', *Sagħtar*, lx (Jannar 1979), 32; 'Sagħtar isellem lil Vassalli f'għeluq il-150 sena minn mewtu 1829-1979', *Sagħtar*, lxii (Marzu 1979), 9, 28, 29, 32; 'Iċ-ċurkett ta' Vassalli', *Sagħtar*, xcvi (Mejju 1983), 2-3.
[61] Ktejjeb tar-Rock Opera *Bastilja*, (Malta, Dipartiment tat-Tagħrif, Partit tal-Ħaddiema, 1989), 11.
[62] PIDÌ, 'La Zeccache non l'azzecca – a Dun Karm', *Malta*, 29 ta' Settembru1934, 1: *Lo sa, Monsignore, che il pioniere della parlata maltese - quello che voi tutti venerate, il Vassalli - era al soldo delle Società protestanti? Che fù uno dei fondatori di una Reformed Church of Malta e che mori fuori della Chiesa Cattolica?*
[63] Intervista ta' Aquilina lil Mons. Prof. Karm Sant f 'Meeting People', *The Sunday Times*, 15 ta' Lulju 1984, 13.
[64] Sant, 'M.A. Vassalli and the Church', Letters to the Editor, The Sunday Times, 12 t'Awwissu 1979, 17; 'M.A. Vassalli u l-Knisja Kattolika', Leħen is-sewwa, 18 t'Awwissu 1979, 6-7; 'Myth Making', Letters to Editor, The Times, 2 ta' Mejju 1980, 10.
[65] *Lexicon ta' Mikiel Anton Vassalli bi Preżentazzjoni u Annotamenti ta' Frans Sammut*, (Malta, SKS, 2002); *Mikiel Anton Vassalli Għajdun il-Għaqal, Kliem il-Għerf u Qwiel Maltin Maqlub għall-Malti minn Frans Sammut*, (Malta, Argo, 2006)
[66] Xuereb (2014), 93.
[67] Fiona Vella, 'Min tgħidu li hu Vassalli?', *It-Torċa*, 24 t'Awwissu 2014, 32-33.
[68] Xuereb (2014), 325.
[69] X'taf fuq Mikiel Anton Vassalli? Vox Pop http://www.newsbook.com.mt/artikli/2014/3/19/voxpop:-x-taf-fuq-mikiel-anton-vassalli.16024/ (aċċessat l-aħħar 12-IV-15).